**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Mejju 2020.**

**Rikors nru: 5/2020 AGV**

**AB (ID nru: 120480M)**
**Vs**
**CDBE (ID nru: 0413084M)**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB datat 8 ta' Jannar 2020 fejn espona bir-rispett;**

1. Illi il-partijiet zzewwgu fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunziata, Hal-Balzan, Malta nhar l- 14 ta' Gunju 2008 hekk kif evidenzjat mill-anness estratt tal-att taz-zwieg hawn mmarkat bhal Dok AA. 1;
2. Illi minn daz-zwieg taghhom il-partijiet ghandhom tifel wiehed, FGB li twieled nhar id- 29 ta' Dicembru 2008, u li ghalhekk ghadu minuri;
3. Illi b' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Anne Marie Tonna, fit- 23 ta' Gunju 2016, liema kuntratt qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.

AA2. il-partijiet bonarajment isseperaw minn xulxin u xoljew il-komunjoni tal-akkwsiti, dan kollu wara li gew debitament awtorizzati mill-Qorti ta’ Malta, b’ digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tat- 3 ta’ Gunju 2016;

4. Illi fil-paragrafu nnumerat 6. 2 tal-Kuntratt tas-seperazzjoni surreferit, il-partijiet ddikjaraw li huma kien ilhom seperati de facto mis-7 ta’ Jannar 2016.
5. Illi r-rekwiziti ghal pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-artikolu 66 B tal-kap. 16 tal-Ligjiet ta’ Malta huma sodisfatti stante;
   a. Illi l-partijiet ilhom de facto seperati ghal aktar minn 4 snin u cjoe’ mis-7 ta’ Jannar 2016;
   b. Illi ma hemm ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, li llum , il-gurnata qed jghixu hajja totalment seperata minn xulxin;
   c. Illi ai termini tal-paragrafu numerat 3 tal-fuq imsemmi kuntratt ta’ seperazzjoni hawn anness u mmarkat bhala Dok AA 2, il-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-mantenimen reciproku, u ghalhekk l-ebda manteniment m’ hu dovut f’ dan ir-rigward;
   d. Lilli ai termini tal-paragrafu numerat 6. 1 tal-fuq imsemmi kuntratt ta’ seperazzjoni hawn anness u mmarkat Dok AA 2, fir-rigward tal-mantniment ghal wild, l-esponent obbliga ruhu li jhallas lil-intimata is-somma ta’ 300 Ewro kull erba’ gimaghat, liema somma tkoppri ukoll l-ispejjez ta’ sahha u edukazzjoni. Tali manteniment dejjem thallas regolarment u ma hemmx kwistjoni dwaru;
6. Illi ghal finijiet tal-Artikolu 66 N (1)(a) u (b) qed jigi rilevat li l-partijiet huma domicijati f’ Malta u ghandhom ir-residenza taghhom f’ Malta.

Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponent qed jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u / jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66 A et seq . tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fil- Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunziata, Balzan, Malta, nhar l- 14 ta' Gunju 2008;

Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghaldaqshekk din l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti, jidhrilha xieraq u opportun.

**Il-Qorti rat in-nota prezentat ta' CDBE datata 8 ta' Mejju 2020 fejn esponiet bir-rispett;**

a. Illi hija taqbel mal-fatti imnizzlin fir-rikors promotur mir-rikorrenti u di fatti mhix topponi bl-ebda mod ghat-talbiet rikorrenti.
b. Ghaldaqstant, l-esponent tiddikjar li hija taqbel mat-talbiet rikorrenti li dina l-Onorrabli Qorti tiddikjara mahlul iz-zwieg tal-partijiet u li l-partijiet ikunu divorzjati ghall-effetti kollha tal-Ligi.
c. Tant ghandha x' tissometti l-esponenti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**